Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 21411111 Fax No. 21411414

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali H'Attard

## Laqgħa Nru. 18/2016

Data: 6 ta' Settembru 2016

Hin: 5.30 ta' filghaxija

Post: Sala tal-Bini tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | ***Stefan Cordina*** | *Sindku* |
| | ***Mark Anthony Spiteri*** | *Viċi Sindku* |
| | ***Marisa Abela*** | *Kunsillier* |
| | ***Raymond Azzopardi*** | *Kunsillier* |
| | ***Ralph Cassar*** | *Kunsillier* |
| | ***John Debono*** | *Kunsillier* |
| | ***Connie Scerri*** | *Kunsillier* |
| | ***Alfred Zammit*** | *Kunsillier* |
| | ***Marica Mifsud*** | *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | ***Alex Mangion*** | *Kunsillier* |
| Assenti: | | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti Mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mozzjoni Ingagg ta' Skrivan taht l-iskema Persuni b'Dizabilita'
6. *Tender Urban Greening Project u EU Funding Letter Update*;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Affarijiet Ohra;
9. Aġġornament

**Minuti - 18/2016**

Kulhadd kien prezenti u fil-hin barra s-Sur AM li ma setghax jattendi u baghat nota.

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Approvati wara li ntalbet korrezzjoni mis-Sur Zammit fuq il-kliem tal-punt imqajjem minnu. Is-SE qrat il-minuti hekk kif miktuba u nstab li huma korretti.

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma kienx hemm punti mqajjma.

# 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lil Kunsill li waqt attivita' personali tieghu ltaqa' ma' xi hadd vicin Joseph Calleja u kif kienu qed jitkellmu offrilu li jghaddilu kelma sabiex forsi jingieb jaghti kuncert zghir u fl-istess hin jinghata Unur H'Attard. Hu ssuggerielhu dawn id-dati: 11,12,18,25,26 ta' Novembru.

**3.2** Is-Sur Cordina ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill fatt li sehh hdejn l-iskola fejn Pulizija beda jharrek in-nies bl-addocc waqt il-hin tal-hrug tat-tfal mis-*Summer School* u li beda jghidilhom li fuq ordni tas-Sindku. Hu qal li ha jikteb lill-Kummissarju fuq dan il-kaz.

**3.3** Is-Sur SC qal li attenda meeting tal-Majjistral Action Group u talab lill-Perit ihejji sketch fuq il-progett li kienet ressqet is-Sinjura Scerri. Is-Sinjura CS qalet li habib taghha wkoll lestielha xi disinni fuq il-progett imsemmi. Il-Kunsill ezamina z-zewg disinni u qalu li t-tnejn tajbin. Is-Sur RC qal li m'ghandux oggezzjoni anki jekk jonqos il-parkegg imma xtaq biss jara jekk hux ha jizdiedu s-sigar u li jippreferi kieku jinzerghu sigar taz-zebbug.

Il-Perit tal-Kunsill ghandu jkompli jahdem fuq dan il-progett b'inkorporazzjoni ta' idejat ohra.

**3.4** Is-Sur SC qal li l-Kunsill ircieva kontijiet li jammontaw ghall-Euro 670 li kienu jikkonsistu f'*invoices* pendenti dovuti lill-MAAA. Qal li s-Segretarju ga ccarat li *invoice* minnhom kienet tinsab imhallsa filwaqt li saret laqgha mas-Sur Edwin Attard kif ukoll mas-Sur George Farrugia fejn wera li mhux *fair* li l-Kunsill ihallas mizati meta l-AAC kien ghadu mhux xolt. Is-Sur SC qal li s-Sur Farrugia qallu li kien ilu jigri wara l-MAAA, u nfatti s-Sinjura Sammut sabet xi korrispondenzi. Ser terga' ssir laqgha bejn is-Sur Attard u s-Sur Farrugia.

**3.5** Is-Sur SC qal li s-Sinjura Mifsud giet mitluba mid-Dipartiment sabiex xahrejn qabel tiddiskuti t-tigdid tal-Kuntratt taghha tat-*Teleworking*. Hi qalet li mill-kuntratt ezistenti li jiskadi 26 ta' Novembru ma tantx kien hemm modifiki, hlief li xtaqet li nhar ta' Tnejn tiehu full day *teleworking* sabiex tkun tista' tahdem bil-kwiet fuq rapporti amministrattivi li ghandha b'lura u li ma tistax tlahhaq taghmel l-ufficcju bl-ebda mod. Is-Sur Zammit qal li hu ma jaqbilx mal-abbuz tat-*Teleworking* ghaliex ghalih skond kif kwotat minn persuna partikulari, post il-mara hu id-dar u li dawn l-affarijiet ma kienux isiru fi zmienu. Tenna wkoll li fejn kienet tahdem persuna partikulari ma tawhomx *teleworking* ghax it-*teleworking* jaghti lok ghall-iskartar u laxkezzi. Saqsa wkoll jekk is-Sinjura Sammut kellhiex tarbija u rritornatx lura ghax-xoghol. Is-SE qalet li s-Sinjura Sammut kellha tarbija u ghandha ga seba' xhur kif ukoll li t-*teleworking* tas-Sinjura Sammut kien u ghadu biex tahdem u tiehu hsieb lill-bintha u ma giex approvat sakemm tixtri biss ghax is-Sinjura Sammut hadmet it-tqala kollha sal-ahharnett. Is-Sur Zammit saqsa allura meta din diehla. Is-SE qalet li din tidhol, dejjem skond l-approvazzjoni tal-Kunsill sena b'sena, skond kif qed tahseb hi meta bintha tidhol l-iskola peress li m'ghandha l-hadd min johdilha hsieb it-tifla waqt il-hin tax-xoghol. Is-Sinjuri Abela u Scerri tennew li jezistu c-*Child Care Centres* filwaqt li s-Sinjura Abela rribattiet lura li mara m'ghandhiex tigi diskriminata ghax mara u tahdem. Is-SE qalet li fl-opinjoni taghha mhux kulhadd ihobb jew jista' jibghat lill-uliedu *Child Care* ghalkemm huma b'xejn ghax ghalija l-ewwel trobbija tigi mid-dar imma dan kollu irrelevanti ghax dawn il-mizuri iddahhlu fis-sehh mill-Gvernijiet bhalha *Family Friendly Measures* sabiex jigu utilizzati mill-haddiema. Is-Sur JD qal li mizuri bhal dawn ghalhekk gew introdotti filwaqt li s-Sur MS qal li allura dan jista' ifisser li la qeghdin iridu jinghataw bilfors u li f'dan il-kaz il-Kunsill jaqbillu jimpjega ragel flok mara. Is-Sinjura Abela regghet tenniet li din diskriminazzjoni lejn il-mara li tahdem. Is-Sur MS qal li m'ghandux oggezzjoni ghat-*teleworking* tas-Sinjura Mifsud sakemm dawn ir-rapporti jitlestew. Kulhadd qabel

**3.6** bl-eccezzjoni tas-Sur Zammit li qal li xorta ma jaqbilx mal-abbuz tat-teleworking u li hu kontrieh.

**3.7** Is-Sur SC qal li s-Sur Joe Micallef accetta t-tibdiliet tal-*agreement* u dan se jigi ffirmat filwaqt li fakkar li t-tigrijiet se jsiru fit-18 ta' Settembru 2016 fis-7.30 ta' filghodu.

Is-Sur SC ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill proposta ta' *no entry* fi Triq Sant'Anton sabiex it-traffiku li gej minn Hal Lija ma jigix lejn H'Attard. Din il-proposta giet accetta.

## 4. Korrispondenza

**4.1** Cirkulari 16/2016 rigward Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv. Is-SE innominat u ressqet Rizoluzzjoni sabiex tigi approvata is-Sinjura Jeannette Galea. Din in-nomina giet accettata. .

## 5. Mozzjoni Ingagg ta' Skrivan taht l-Iskema Persuni b'Dizabilita'

**5.1** Giet approvata Mozzjoni 2/2016 sabiex il-Kunsill japplika ghall-ingagg ta' persuna b'dizabilita'

## 6. *Tender Urban Greening Project u EU Funding letter update*

**6.1** Is-Sur JD saqsa meta ha jibdew jithaffru l-konok minhabba li l-kuntrattur kellu jibda f'Awissu u kien ghadu ma bediex. Barra minn hekk is-Sinjura Claudette Gambin qalet li l-ahjar li l-*potting* jitmexxa ghall-Ottubru minhabba s-shana u nfatti l-ELC preferew hekk ukoll. Ghandha tintbaghat komunikazzjoni f'dan is-sens lill-ELC.

Is-Sur RC qal li fil-kaz tal-*EU Funded Project*, is-Sinjura Gabby Mallia talbet lill-*Accountant Financial Report*, ghax kif qal is-Sur JD irid jigi stabbilit l-*Operations Maintenance Cost,* filwaqt li s-Sur RC u s-SE kellhom laqgha d-Dipartiment fuq id-devoluzzjoni u l-*co-financing* imma ghadu mhux maghruf jekk hux 20% jew 15% u ghandha tintbaghat *letter of commitment* meta l-Lands tapprova d-devoluzzjoni*.* Is-Sur RC qal ukoll li fis-26 ta' Settembru 2016, quddiem il-MEPA se tigi diskussa ghall-approvazzjoni l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-bini tal-istess progett. Is-Sur RC ssuggerixxa wkoll li jsiru laqghat m'entitajiet ohra sabiex il-Kunsill jipprova jgib fondi alternattivi barra l-UIF.

Is-SE qalet ukoll li fit-13 ta' Settembru 2016 hemm laqgha ohra l-Miniteru tat-Turizmu fuq il-Latrini Pubblici. Is-Sur Zammit wera x-xewqa li jattendi. Is-Sur RC qal li xorta ma jaqbilx li dawn jinghataw lura ghax ma jistax ikun li l-Gvern jiehu lura responsabbiltajiet li gew mghoddija l-Kunsill.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**7.1** Il-pagamenti gew approvati wara li s-Sur MS saqsa fuq il-pagamenti ta' B. Grima and Sons, TCTC u DG, IRD.

## 8. Affarijiet Ohra

**8.1** Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Li xi hadd irrappurtalu li l-latrini dejjem maghluqin. Is-Sur SC qal li mhux maghluqin imma sarulhom molol u ghandhom PUSH fuqhom.
- Saqsa fuq id-Disabled Parking Bay fi Triq B'Kara. Din approvata u ghandha ssir dalwaqt.

**8.2** Is-Sinjura Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Rega' saqsa fuq it-tindif ta' Wied Irmiedi u qal jistax jitnaddaf mill-haddiema tal-Kunsill. Is-Sur SC qal li mhux ha jaccetta qatt li jitnaddaf mill-haddiema tal-Kunsill sakemm ma jitnaddafx b'xi attivita' lokali bhall-*Clean Up the World.*
- Rega' saqsa fuq il-hajt. Is-SE qalet li s'issa ghadha ma sabitx minn min sar ix-xoghol.
- Talab biex il-kuntrattur inaddaf Triq Hannibal. Il-kuntrattur ghandu jigi avzat

**8.3** Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti

- Talab li t-tabella ta' Kappella Sant'Anna terga' ssir mill-gdid u toghla ftit.
- Gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-applikazzjoni ta' Bilom Group fuq il-barriera ta' Wied Incita fejn qed jinghad li se jsiru *industrial warehouses.* Hu qal li l-Kunsill ghandu joqghod attent ghall-iscreenings biex malli tohrog il-Kunsill joggezzjona. Qal li qabel kien hemm applikazzjoni ghal *solar farms* u issa nbidlet ghall-263 *warehouses*. Kulhadd qabel.
- Tpoggew kontenituri tal-hwejjeg hdejn Gnien il-Palma u Gnien il-Kunsill.

**8.4** Is-Sinjura Connie Scerri ressqet dawn il-punti:

- Talbet permess sabiex fil-laqgha li jmiss jigi jitkellem il-Professur Pawlu Pace fuq l-Ambjent.
- Saqsiet jekk waslux it-troughs biex fil-kaz imorru jarawhom Wied Incita.

**8.5** Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Kaptella sfronduta fi Triq l-Imdina
- Li ma rceviex il-Minuti tal-ahhar laqgha u li rega' rcieva ta' qabel. Is-SE qalet li kien ikkuppjat mal-kumplament u fil-fatt is-Sinjura Abela qalet li mnizzel kien u l-Minuti ta' Laqgha 17 irceviet kif suppost.

## 9. Aġġornament

**9.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgha, 12 t' Ottubru fil-5.30pm

**IFFIRMATA**

***Stefan Cordina***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Marica Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 12 ta' Ottubru 2016